Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Awwissu 2014**
**(OR. en)**

**12569/14**

**PUBLIC 153**
**INF 269**

**NOTA**

| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL TA' APRIL 2014 |
|---|---|

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'April 2014.[1] [2]

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, spjegazzjonijiet tal-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

---

1 Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

2 Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ikun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara li jkunu ġew iffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill: http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts?lang=mt.
Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fuq: http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register?lang=mt.

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill fuq: http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes?lang=mt.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'APRIL 2014**

**Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-1 ta' April 2014**

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar it-tnedija ta' operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA) | 7045/14 + REV 1 |

**Adozzjoni ta' att leġislattiv wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mit-2 sat-3 ta' April 2014)**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE<br>ĠU L 158, 27/05/2014, p. 131-195 | 7997/14 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Regolament (UE) Nru 599/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju<br>ĠU L 173, 12/06/2014, p. 79-83 | 8043/14 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

| Proċedura bil-miktub li tlestiet fid-9 ta' April 2014 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Libanu fil-programmi tal-Unjoni | 9264/14 |
| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fl-10 ta' April 2014** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran | ST 8345/14 + COR 1 |
| REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 359/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran | ST 8347/14 + COR 1 |

| It-3308 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fil-Lussemburgu fl-14 ta' April 2014 | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| Regolament (UE) Nru 422/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom<br>ĠU L 129, 30/04/2014, p. 5-11 | PE-CONS 56/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: UK<br>Astensjoni: AT |
| Regolament (UE) Nru 423/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2012, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom<br>ĠU L 129, 30/04/2014, p. 12-18 | PE-CONS 57/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: DK, EL, CY, HU, NL, AT, UK<br>Astensjoni: SI |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Wara li kkunsidrat iċ-ċifra għall-aġġustament annwali għall-2012 u filwaqt li tieħu kont tat-tħassib dwar in-newtralità tal-baġit, il-Kummissjoni timpenja ruħha li:

– tkopri l-infiq addizzjonali kollu li jikkorrispondi għall-aġġustament tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet ta' 0,8% għall-2012 (EUR 116-il miljun) permezz tar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-Istituzzjonijiet tal-UE fil-baġit għall-2014 mingħajr l-ebda kontribuzzjoni addizzjonali mill-Istati Membri; kwalunkwe emenda relatata mal-baġit għall-2014 m'għandhiex iżżid in-nefqa amministrattiva taħt l-Intestatura 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali;

– li tieħu kont tal-aġġustament tal-2012 għas-snin 2015-2020, li għalih l-istima ta' nfiq addizzjonali nett jammonta għal EUR 31 miljun fis-sena. Il-Kummissjoni ħadet nota tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar linji gwida baġitarji tat-18 ta' Frar 2014 u timpenja ruħha li tippreżenta baġits għan-nefqa amministrattiva (Intestatura 5) bejn l-2015 u l-2020 li ser jibqgħu ferm inqas mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020;

– twaqqaf il-Kawżi C-86/13 u C-248/13 quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-aġġustament tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet fl-2012.

Huwa mfakkar li r-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet fil-baġit approvat għall-2014 hija possibbli wara t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet oriġinarjament disponibbli fil-baġit għall-2012 għar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet li minflok intużaw biex ikopru minn qabel nefqa amministrattiva oħra. Għalhekk huwa stmat li b'kollox ammont ta' EUR 115-il miljun għall-Istituzzjonijiet kollha huwa disponibbli għar-riallokazzjoni taħt l-intestatura 5 u jista' jintuża biex jitħallas infiq addizzjonali għal salarji u pensjonijiet fl-2014. Barra minn hekk, ma jistax jiġi eskluż f'dan l-istadju li l-Istituzzjonijiet ser ikunu jistgħu jidentifikaw aktar possibbiltajiet għar-riallokazzjoni, b'hekk titnaqqas ulterjorment il-ħtieġa għar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet fl-2014.

Il-limiti massimi tal-Intestatura 5 tal-QFP 2014-2020 adottati fl-2013 jieħdu kont ta' aġġustamenti statistiċi ta' 1.7% fl-2011 u 1.7% fl-2012. L-aġġustament rivedut tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet b'0% għall-2011 u 0.8% għall-2012 iwassal għal tfaddil matul il-perijodu 2014-2020 ta' madwar EUR 1.5 biljun f'termini ta' nfiq għar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet akbar milli antiċipat, b'hekk jibqa' marġini sinifikanti mhux allokat taħt il-limiti massimi tal-infiq. It-tfaddil addizzjonali ser jikkostitwixxi żieda mat-tfaddil ta' madwar EUR 2.8 biljun diġà ffatturat fil-QFP 2014-2020.

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi<br>Filwaqt li jieħdu kont tad-deterjorament serju u għall-għarrieda fis-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni Ewropea matul l-2012, u b'referenza għall-"klawżola ta' eċċezzjoni" tal-Artikolu 10 tal-Anness XI għar-Regolamenti tal-Persunal, il-Pajjiżi l-Baxxi jqisu li koeffiċjent tal-korrezzjoni ta' 0.8% għas-sena 2012 mhuwiex adatt. Il-pożizzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi hija li żieda ta' żero fil-mija fis-salarji tal-uffiċjali Ewropej għas-sena 2012 kienet tkun l-unika applikazzjoni adatta tal-klawżola ta' eċċezzjoni. Barra minn hekk, il-Pajjiżi l-Baxxi jiddispjaċihom għas-sospensjoni tal-proċedimenti quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fir-rigward tal-aġġustament tas-salarji fl-2012 (il-Kawża C-86/13 u l-Kawża C-248/13).<br>B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Pajjiżi l-Baxxi ma jistgħux jappoġġaw il-proposta u jivvotaw kontra l-adozzjoni tagħha.</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 511/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar miżuri ta’ konformità għall-utenti mill-Protokoll ta’ Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta’ Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom fl-Unjoni<br>ĠU L 150, 20/05/2014, p. 59-71</td><td>PE-CONS 131/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) Nru 512/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS<br>ĠU L 150, 20/05/2014, p. 72-92</td><td>PE-CONS 133/13</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ĠU L 124, 04.2014, p. 1–18 | PE-CONS 15/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija**<br>Valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali transkonfinali skont il-Konvenzjoni Espoo għall-installazzjonijiet nukleari huma tal-akbar importanza għall-Awstrija.<br>Il-punt 8 tal-Anness IV u l-premessi 15 u 32 tad-Direttiva riveduta dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) jagħmlu referenza għal valutazzjoni skont id-Direttiva 2009/71/Euratom. Filwaqt li d-Direttiva tal-Euratom tirrikjedi b'mod ġenerali l-istabbiliment ta' kondizzjonijiet ta' qafas nazzjonali, ma tipprevedix deskrizzjoni u valutazzjoni ta' aċċidenti jew tar-riskji ta' diżastri ekwivalenti għad-Direttiva dwar il-VIA. Għaldaqstant l-Awstrija ttenni l-fehim tagħha li l-valutazzjonijiet tar-riskju f'konformità mad-Direttiva 2009/71/EURATOM x'aktarx mhux ser jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-VIA u li ma jistgħux jintużaw biex juru li jkunu ġew issodisfati r-rekwiżiti tal-punt 8 tal-Anness IV. | | | |

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

Fl-ispirtu ta' kompromess, ir-Renju Unit jista' jaċċetta l-qbil milħuq dwar id-Direttiva dwar il-VIA. Filwaqt li mhuwiex perfett, it-test huwa titjib sinifikanti tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni Ewropea li kienet ser iżżid spejjeż u dewmien sinifikanti għall-konsenja ta' infrastruttura vitali.

Ir-Renju Unit xtaq jara, mill-bidu, aktar sensibilizzazzjoni dwar l-impatt possibbli fuq in-negozju u t-tkabbir, u b'mod partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jqis li kellu jkun hemm bilanċ aħjar bejn il-protezzjoni tal-ambjent u l-appoġġ għat-tkabbir.

Il-proposta tal-Kummissjoni kienet sproporzjonata għal kwalunkwe nuqqas ipperċepit fid-Direttiva eżistenti. Il-proposti tagħha għal kamp ta' applikazzjoni obbligatorju, valutazzjoni tar-riskju, punt uniku ta' servizz u l-akkreditament tal-esperti, pereżempju, kollha kienu ser iżidu spejjeż sinifikanti kemm għall-iżviluppaturi kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti. Din l-idea ta' oqfsa taż-żmien riġidi għal kull stadju tal-proċedura ta' valutazzjoni ma ħadet ebda kont tal-karatteristiċi differenti u l-kumplessità tal-proġetti. Kienu ser ikunu twal wisq għal ċerti proġetti u qosra wisq għal oħrajn. Dawn huma kollha suġġetti li jeħtieġ li jiġu applikati b'mod flessibbli u għandhom jitħallew għall-Istati Membri. Il-proposta għall-atti delegati li kienet ser tippermetti lill-Kummissjoni li temenda mingħajr aktar negozjati tliet annessi prinċipali kienet kompletament mhux ġustifikata u ma ntlaqgħetx b'mod unanimu fil-Kunsill.

Filwaqt li r-Renju Unit xtaq li kieku ra li l-oqfsa ta' żmien u r-rekwiżiti għal valutazzjoni tar-riskju jitħassru kollha mit-test, in-negozjati rriżultaw f'titjib importanti għad-Direttiva. Ir-Renju Unit huwa grat lejn il-Presidenza Irlandiża u dik Litwana ta' kemm ħadmu biex jiġi żviluppat test li indirizza b'suċċess in-nuqqasijiet ewlenin tal-proposta. Iż-żamma tal-flessibbiltà, il-provvediment taċ-ċarezza u t-tnaqqis tal-burokrazija ser jipprovdu aktar ċertezza u jnaqqsu l-ispejjeż filwaqt li jkomplu jipproteġu l-ambjent.

<table>
<tr><td>Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE<br>ĠU L 153, 22/05/2014, p. 62-106</td><td>PE-CONS 17/14</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjonijiet: BG, UK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>Wara li l-importanza tal-interess tal-pubbliku fl-adozzjoni rapida ta' din id-Direttiva ġiet ipparagunata ma' dik tat-tħassib istituzzjonali mqajjem mit-test ta' kompromess, li l-koleġislaturi dalwaqt ser jaqblu dwaru, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma timpedixxix il-qbil finali. F'dan ir-rigward u b'rikonoxximent taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni ħadet kont, b'mod partikolari, tal-benefiċċji diretti għaċ-ċittadini li jirriżultaw mill-miżura, u tal-ħtieġa li tiġi żgurata l-adozzjoni qabel tmiem il-mandat parlamentari attwali.<br>Madankollu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha għall-adozzjoni tal-Artikolu [44 paragrafu 2c u l-Premessa 58 (d) li tikkorrispondi għalih] dwar il-Kumitat li jista' joħloq konfużjoni u inċertezza legali. Ir-rwol tal-Kumitati li jiżguraw il-kontroll mill-Istati Membri fuq l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni huwa definit biss permezz tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, adottat fuq il-bażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 291 tat-TFUE. Għaldaqstant, l-ebda att leġislattiv sekondarju ieħor ma għandu jbiddel jew jispeċifika aktar dan ir-rwol. B'mod partikolari, ir-regoli tal-proċeduri tal-kumitati huma adottati mill-kumitati fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Huma għalhekk għandhom jiġu applikati meta l-Kumitati jeżerċitaw ir-rwol tagħhom kif definit mir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Kwalunkwe referenza għar-regoli tal-proċeduri barra mill-kuntest hija superfluwa u mhux xierqa. Tirriskja wkoll li tikkomplika l-funzjonament tal-kumitati.<br>Fir-rigward tal-premessa 58(e) u l-possibbiltà li l-Parlament Ewropew ikun mistieden għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti, il-Kummissjoni ser tipproċedi f'konformità mal-prattika tagħha fl-implimentazzjoni tal-punt 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Skont dan l-arranġament, il-laqgħat tal-kumitati tal-komitoloġija huma esklużi b'mod espliċitu. Fir-rigward tar-referenza għall-ksur fl-istess premessa, il-Kummissjoni tikkunsidra li din hija qarrieqa peress li l-proċedimenti tal-ksur huma diskussi mal-Istati Membri fil-kuntest tal-proċeduri stipulati skont l-Artikolu 258 tat-TFUE.<br>Il-Kummissjoni tissottolinja li l-aċċettazzjoni tagħha tal-kompromess f'dan il-każ hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tagħha dwar fajls oħrajn.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Renju Unit<br>Ir-Renju Unit ma jistax jappoġġa t-test maqbul finali dwar id-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju. It-test fih il-possibbiltà li tintalab, permezz ta' att delegat, ir-reġistrazzjoni ta' tipi ta' prodotti fejn ikun hemm livell baxx ta' konformità. Ir-Renju Unit jemmen li, jekk din tintuża, ser tqiegħed piż amministrattiv sinifikanti fuq il-manifatturi, li x'aktarx ħafna minnhom diġà huma konformi, u li n-nuqqas ta' konformità minflok għandu jiġi indirizzat permezz ta' aktar sorveljanza tas-suq. Filwaqt li nappoġġaw għalkollox ħafna minn dak li hemm fit-test, abbażi ta' dan ir-Renju Unit iddeċieda li jastjeni.</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006<br>ĠU L 150, 20/05/2014, p. 195-230 | PE-CONS 1/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-Artikolu 24(2)**<br>Il-Kummissjoni, filwaqt li tieħu nota tal-klawsola "l-ebda opinjoni" fl-Artikolu 24(2), tfakkar li r-rikors għall-Artikolu 5(4) tar-Regolament (EU) Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13), subparagrafu 2, il-punt b) għandu jwieġeb għal ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata ebda opinjoni. Minħabba li din hija eċċezzjoni, ma tistax titqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonarja" tal-Leġislatur, iżda għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv, u għalhekk għandha tiġi ġġustifikata fi premessa. | | | |
| Direttiva 2014/51/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttivi 2003/71/KE u 2009/138/KE u r-Regolament (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 fir-rigward tas-setgħat tal- Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq)<br>ĠU L 153, 22/05/2014, p. 1-61 | PE-CONS 7/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009<br>ĠU L 150, 20/05/2014, p. 1-58 | PE-CONS 124/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-atti ddelegati**<br>Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tfakkar fl-impenn li għamlet fil-paragrafu 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha rigward it-tħejjija ta' atti delegati. | | | |
| Direttiva 2014/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema<br>ĠU L 128, 30/04/2014, p. 8-14 | PE-CONS 4/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: UK |
| Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku<br>ĠU L 133, 06/05/2014, p. 1-11 | PE-CONS 21/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjonijiet: BG |
| **Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 1: kuntratti esklużi**<br>Il-Kunsill u l-Kummissjoni jesprimu l-opinjoni kondiviża tagħhom li din id-Direttiva, skont l-Artikolu 1 tagħha, ma tapplikax għall-fatturi elettroniċi maħruġin bħala riżultat tal-eżekuzzjoni ta' kuntratti li huma esklużi skont l-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva 2009/81 jew li għalihom ma tapplikax l-ebda waħda mid-Direttiva 2014/24/UE, id-Direttiva 2014/25/UE, id-Direttiva 2014/23/UE jew id-Direttiva 2009/81/KE skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 10 (h), 15,16 u 17 tad-Direttiva 2014/24/UE (Direttiva dwar l-akkwist "klassiku"), l-Artikoli 24 sa 27 tad-Direttiva 2014/25/UE (Direttiva dwar l-"utilitajiet"), u l-Artikoli 10 (5) sa 10 (7), 21 u 23 tad-Direttiva 2014/23/UE (Direttiva dwar il-"konċessjonijiet") kif applikabbli. | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE<br>ĠU L 158, 27/05/2014, p. 77-112 | PE-CONS 5/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: CZ, HU<br>Astensjonijiet: ES, LU, AT |
| **Dikjarazzjoni mil-Latvja**<br>Il-Latvja tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku b'mod ġenerali. Il-Latvja taqbel bis-sħiħ mal-għan tar-Regolament propost li jiġi ċċarat ir-rwol tal-awdituri tal-entitajiet ta' interess pubbliku u jiġu introdotti regoli aktar stretti għas-settur tal-awditjar immirat b'mod partikolari lejn it-tisħiħ tal-indipendenza tal-awdituri kif ukoll diversità akbar fis-suq tal-awditjar attwali ferm ikkonċentrat. Madankollu, il-Latvja ssostni t-tħassib tagħha li l-miżura proposta, jiġifieri l-limitu fuq ħlasijiet ta' 70% minn servizzi mhux tal-awditjar, x'aktarx ikollha impatt negattiv fuq l-aċċess ta' entitajiet ta' interess pubbliku iżgħar għal servizzi mhux tal-awditjar u tista' tikkaġuna piżijiet amministrattivi u finanzjarji addizzjonali. Normalment huma kumpanniji elenkati iżgħar li jużaw l-awdituri tagħhom għal proporzjon akbar partikolarment ta' servizzi relatati mal-konformità kemm minħabba n-nuqqas tagħhom ta' kompetenza interna u l-kosteffettività u l-kostefficjenza ta' fornitur wieħed huma proporzjonalment akbar. | | | |
| **Dikjarazzjoni mill-Portugall**<br>Il-Portugall jikkunsidra li l-adozzjoni ta' dan il-pakkett leġislattiv tikkostitwixxi progress fir-riforma tas-suq finanzjarju u jisħaq dwar l-indipendenza tal-awdituri, fatturi bil-potenzjal li jibnu mill-ġdid il-fiduċja fis-swieq. Minħabba dan u fi spirtu ta' kompromess, il-Portugall jappoġġa l-eżitu finali ta' dawn in-negozjati.<br>Madankollu, fir-rigward tas-sorveljanza tal-awtoritajiet tal-awditjar, matul in-negozjati l-Portugall esprima l-preferenza tiegħu li l-kompetenza tal-awditjar tiġi kkonferita fuq l-ESMA, li tassumi r-rwoli preċedentement mwettqin mill-Grupp Ewropew tal-Korpi ta' Sorveljaturi tal-Awdituri (EGAOB), bħal fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni Ewropea. | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva 2014/56/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati<br>ĠU L 158, 27/05/2014, p. 196-226 | PE-CONS 6/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Kontra: CZ, HU<br>Astensjonijiet: ES, AT |
| Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE<br>ĠU L 158, 27/05/2014, p. 1-76 | PE-CONS 2/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni**<br>Il-Kummissjoni ssostni li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li tinvoka l-Artikolu 5 § 4, is-subparagrafu 2, il-punt (b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jsir meta jkun hemm ħtieġa speċifika ta' devjazzjoni mir-regola ta' prinċipju li tgħid li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta jitqies li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4), ir-rikors għas-subparagrafu 2, il-punt (b) ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għaldaqstant għandu jiġi ġġustifikat. | | | |
| Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi Qafas għall-Appoġġ tas-Sorveljanza u l-Insegwiment fl-Ispazju<br>ĠU L 158, 27/05/2014, p. 227-234 | PE-CONS 31/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 538/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej<br>ĠU L 158, 27/05/2014, p. 113-124 | PE-CONS 37/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni hija tal-fehma li "l-kompendju indikattiv" li hemm referenza għalih fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 3, li se jiġi adottat permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, se jkollu l-effett li jorbot lill-Istati Membri fir-rappurtar tad-data skont l-Anness V. | | | |
| Regolament (UE) Nru 421/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali<br>ĠU L 129, 30/04/2014, p. 1-4 | PE-CONS 18/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 539/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar importazzjonijiet ta' ross li joriġina mill-Bangladexx u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90<br>ĠU L 158, 27/05/2014, p. 125-130 | PE-CONS 40/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-atti ddelegati**<br>Fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru .../2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar importazzjonijiet ta' ross li joriġina fil-Bangladexx u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90, il-Kummissjoni tfakkar l-impenn li ħadet fil-paragrafu 15 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea li tipprovdi lill-Parlament l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni sħaħ dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fi ħdan il-qafas tal-ħidma tagħha dwar it-tħejjija ta' atti delegati. | | | |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2014/284/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Indoneżja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ fi prodotti tal-injam għall-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 150, 20/05/2014, p. 250-251 | 11767/13 REV 2 |
| 2014/232/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Gaboniża<br>ĠU L 125, 26/04/2014, p. 48-50 | 11871/13<br>5868/14 ADD 1 REV 1 - Dikjarazzjoni |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġdid tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Madagaskar | 8391/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar tal-Majott, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 167, 06/06/2014, p. 1-3 | 7908/14 |
| Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 15/2013 "Il-komponent Ambjent tal-Programm LIFE kien effettiv?" | 8565/14 |

| | |
|---|---|
| 2014/241/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar ir-ratifika ta', jew l-adeżjoni mal-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Ħong Kong tal-2009 dwar ir-Riċiklaġġ ta' Bastimenti li jkun Sikur u li Jħares l-Ambjent, mill-Istati Membri fl-interess tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 128, 30/04/2014, p. 45-46 | 15902/13<br>7959/14 ADD 2 - Dikjarazzjonijiet |
| 2014/243/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq, jew jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali<br>ĠU L 128, 30/04/2014, p. 61-61 | 7118/14<br>8421/14 ADD 1 - Dikjarazzjonijiet |
| 2014/226/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar it-titwil tal-perijodu ta' intitolament għall-koproduzzjonijiet awdjoviżivi kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali anness mal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 124, 25/04/2014, p. 25-26 | 8218/14 |
| 2014/240/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni ta' ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika<br>ĠU L 128, 30/04/2014, p. 43-44 | 15854/13 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perijodu 2014–2020<br>ĠU L 115, 17/04/2014, p. 3-13 | 12557/13 |

| | |
|---|---|
| 2014/221/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat<br>ĠU L 115, 17/04/2014, p. 1-2 | 8147/14<br>8305/14 ADD 1 - Dikjarazzjonijiet |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt tal-Kooperazzjoni Doganali bejn l-UE u ċ-Ċina fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tal-Programm tal-Operatur Ekonomiku Awtorizzat fl-Unjoni Ewropea u l-Miżuri dwar Ġestjoni Klassifikata tal-Programm ta' Intrapriżi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina | 7822/14 |
| Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Kisba ta' data korretta dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING): Approċċ aktar strutturat u ffukat aħjar itejjeb l-effettività tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni" | 8301/14 |
| 2014/254/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/007 IT/VDC Technologies mill-Italja)<br>ĠU L 134, 07/05/2014, p. 44-45 | 8246/14 |

| | |
|---|---|
| 2014/253/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/004 ES/Grupo Santana minn Spanja)<br>ĠU L 134, 07/05/2014, p. 42-43 | 8247/14 |
| 2014/233/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/488/UE dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE<br>ĠU L 125, 26/04/2014, p. 72-74 | 7288/14 |
| 2014/239/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni<br>ĠU L 128, 30/04/2014, p. 15-16 | 15596/13 |
| 2014/242/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi<br>ĠU L 128, 30/04/2014, p. 47-48 | 17846/13 |
| 2014/252/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni<br>ĠU L 134, 07/05/2014, p. 1-2 | 10697/12 + COR 1 |

| | |
|---|---|
| Memorandum ta' Qbil dwar kooperazzjoni bejn l-Eurojust u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) | 7628/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità | 8443/14 + COR 1 + COR 2 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 391/2014 tal-14 ta' April 2014 li jtemm ir-rieżami interim parzjali li jikkonċerna miżuri antisussidji fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika, kif estiż għall-importazzjonijiet ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Kanada, kif ukoll jekk le<br>ĠU L 115, 17/04/2014, p. 14-16 | 7816/14 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 392/2014 tal-14 ta' April 2014 li jittermina r-rieżami interim parzjali rigward il-miżuri antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika, kif estiżi għal importazzjonijiet ikkunsinnati mill-Kanada, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kanada, kif ukoll jekk le<br>ĠU L 115, 17/04/2014, p. 17-19 | 7819/14 |

| **It-3309 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fil-Lussemburgu fl-14 u l-15 ta' April 2014** | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
| Regolament (UE) Nru 374/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 April 2014 dwar it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw fl-Ukraina<br>ĠU L 118, 22/04/2014, p. 1-760 | PE-CONS 73/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni Nru 472/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015)<br>ĠU L 136, 09/05/2014, p. 1-9 | PE-CONS 43/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 135, 08/05/2014, p. 1-20 | PE-CONS 3/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE<br>ĠU L 150, 20/05/2014, p. 143-167 | PE-CONS 141/13 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Mhux jipparteċipaw: DK, IE, UK |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li tħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE<br>ĠU L 150, 20/05/2014, p. 168-194 | PE-CONS 142/13<br>8256/14 ADD 1 - Dikjarazzjonijiet | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Mhux jipparteċipaw: DK |
| Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet<br>ĠU L 150, 20/05/2014, p. 112-142 | PE-CONS 139/13<br>8258/14 ADD 1 - Dikjarazzjonijiet | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Mhux jipparteċipaw: DK |
| Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/JHA<br>ĠU L 150, 20/05/2014, p. 93-111 | PE-CONS 135/13<br>8259/14 ADD 1 - Dikjarazzjonijiet | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Astensjoni: HU, FI<br>Mhux jipparteċipaw: DK, UK |
| Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE<br>ĠU L 173, 12/06/2014, p. 1-61 | PE-CONS 78/13<br>8260/14 REV 1 ADD 1 - Dikjarazzjonijiet | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq)<br>ĠU L 173, 12/06/2014, p. 179-189 | PE-CONS 8/14<br>8261/14 — Dikjarazzjonijiet | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>Mhux jipparteċipaw: DK, UK |

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| 2014/215/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Ukraina<br>ĠU L 111, 15/04/2014, p. 85-90 | 8346/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Għajnuna tal-UE għall-Iżvilupp għall-Asja Ċentrali | 8598/14 REV 1 |
| DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn parti waħda, u r-Repubblika tal-Azerbajġan, mill-parti l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Azerbajġan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Azerbajġan fi programmi tal-Unjoni | 5610/14<br>6702/1/14 REV 1 ADD 1 REV 1<br>6702/1/14 REV 1 ADD 2 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn parti waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, mill-parti l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Ażerbajġan fi programmi tal-Unjoni | 5616/14 |

| | |
|---|---|
| 2014/230/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, bl-eċċezzjoni ta' materji relatati mar-riammissjoni<br>ĠU L 125, 26/04/2014, p. 44-45 | 11250/13 REV 2<br>7311/14 REV 2 |
| 2014/231/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-materji relatati mar-riammissjoni<br>ĠU L 125, 26/04/2014, p. 46-47 | 11313/13 REV 2 |
| 2014/290/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ċilì rigward il-modifika tal-Anness XII għall-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, li jistabbilixxi l-listi ta' entitajiet Ċileni li jipprovdu skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Parti IV dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern<br>ĠU L 147, 17/05/2014, p. 116-121 | 7096/14 |
| 2014/211/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubbliki tal-Kosta Rika, ta' El Salvador, tal-Gwatemala, tal-Ħonduras, tan-Nikaragwa u tal-Panama, min-naħa l-oħra, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 49(3) tiegħu<br>ĠU L 111, 15/04/2014, p. 4-5 | 12399/14 REV 1<br>7955/14 ADD 1 |

| | |
|---|---|
| 2014/210/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubbliki tal-Kosta Rika, ta' El Salvador, tal-Gwatemala, tal-Ħonduras, tan-Nikaragwa u tal-Panama, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-Artikolu 49(3) tiegħu<br>ĠU L 111, 15/04/2014, p. 2-3 | 12400/14 REV 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/213/PESK tal-14 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea<br>ĠU L 111, 15/04/2014, p. 83-83 | 7954/14 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 380/2014 tal-14 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1284/2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika tal-Ginea<br>ĠU L 111, 15/04/2014, p. 29-32 | 8085/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/212/PESK tal-14 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea<br>ĠU L 111, 15/04/2014, p. 79-82 | 6790/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/214/PESK tal-14 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK dwar il-miżuri restrittivi kontra l-Mjanmar/Burma<br>ĠU L 111, 15/04/2014, p. 84-84 | 8187/14 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK tal-14 ta' April 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina<br>ĠU L 111, 15/04/2014, p. 91-93 | 8525/14 + ADD 1 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 381/2014 tal-14 ta' April 2014 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina<br>ĠU L 111, 15/04/2014, p. 33-35 | 8526/14 + ADD 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/220/PESK tal-15 ta' April 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali)<br>ĠU L 113, 16/04/2014, p. 27-27 | 7603/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali)<br>ĠU L 113, 16/04/2014, p. 21-26 | 7465/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/293/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi armati ta' Mali (EUTM Mali)<br>ĠU L 151, 21/05/2014, p. 16-17 | 7950/14 |

| | |
|---|---|
| DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta’ negozjati mar-Repubblika ta' Mali sabiex jiġi konkluż Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mali dwar l-istatus tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) | 8144/14 |
| DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Ċentru-Afrikana dwar il-modalitajiet għat-trasferiment lir-Repubblika Ċentru-Afrikana ta' persuni detenuti mill-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea (EUFOR RCA) matul it-twettiq tal-mandat tagħha, u dwar il-garanziji applikabbli għal tali persuni | 8080/14 |
| DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Kamerun sabiex tikkonkludi Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-istatus tal-forzi taħt id-direzzjoni tal-Unjoni Ewropea fi tranżitu fit-territorju tar-Repubblika tal-Kamerun | 8209/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana | 8649/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja-Ħerzegovina | 8966/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja | 8934/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ukraina | 8893/14 |

| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-16 ta' April 2014** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran | 8361/14 |
| REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran | 8362/14 |

| **Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-23 ta' April 2014** | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta’ assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall | 8047/14 |
| DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tapprova l-aġġornament tal-programm ta’ aġġustament makroekonomiku tal-Portugall | 8048/14 |

| Proċedura bil-miktub li tlestiet fit-28 ta' April 2014 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina | 9097/14 + ADD 1 |
| REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina | 9093/14 + COR 1 |

| Adozzjoni ta' att leġislattiv wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-14 sas-17 ta' April 2014) | | | |
|---|---|---|---|
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TAL-VOT | VOTI |
| Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (riformulazzjoni)<br>ĠU L 173, 12/06/2014, p. 149-178 | 8293/14 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Regolament (UE) Nru 598/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE<br>ĠU L 173, 12/06/2014, p. 65-78 | 8295/14 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Deċiżjoni Nru 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE<br>ĠU L 132, 03/05/2014, p. 1-12 | 8297/14 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Regolament (UE) Nru 597/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 li jippreskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded (żoni) tas-sajd<br>ĠU L 173, 12/06/2014, p. 62-64 | 8298/14 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Direttiva 2014/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar ir-rekwiżiti minimi sabiex tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari<br>ĠU L 128, 30/04/2014, p. 1-7 | 9048/14 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |